



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 25.1.2006
KUMM(2006) 32 finali

2006/0010 (CNS)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

Dwar linji gwida għall-Politiki ta' l-Impjiegi ta' l-Istati Membri

(preżentata mill-Kummissjoni)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

L-Istrateġija l-ġdida ta' Liżbona li bdiet topera mill-2005 hi bbażata fuq ċiklu ġdid ta' governanza, b'pakkett integrat ta' linji gwida li għandhom jibqgħu fil-prinċipju validi sa l-2008. Abbażi tal-linji gwida integrati, li jiġbru dimensjonijiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali, l-Istati Membri fasslu l-programmi ta' riforma nazzjonali tagħhom, li jstabbilixxu l-istrateġija tagħhom għal perjodu ta' tliet snin biex jipprovdu żvilupp u impjiegi.

L-evalwazzjoni tal-programmi ta' riforma nazzjonali mill-Kummissjoni hi stabbilita fir-Rapport Annwali tal-Progress u fir-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi li jakkompanjah, li se jkun adottat skond il-proċedura ta' l-Artikolu 128(1) tat-Trattat. L-evalwazzjoni twassal għall-konklużjonijiet ġenerali li ġejjin fir-rigward tal-politiki nazzjonali ta' impjiegi.

- il-programmi kollha jagħtu importanza kbira biex jattiraw u jżommu aktar nies fl-impjiegi, iżda l-possibiltajiet li jkun żgurat twassil effettiv jikbru jekk dawn ikunu bbażati fuq avviċinamenti li jinvolvu ċ-ċiklu kollu tal-ħajja biex ikunu ffaċilitati maljar kemm jista' jkun it-tranżizzjonijiet ta' impjiegi matul il-karriera;
- l-importanza ta' aktar miżuri biex tkun imtejba l-adattabilità tal-ħaddiema u l-intrapriżi ta' spiss titħalla barra. Aktar attenzjoni għandha tingħata biex ikunu stabbiliti kondizzjonijiet ta' "flexicurity" u konnessjonijiet aħjar bejn it-taxxi u s-sistemi ta' benefiċċji, u biex ikunu involuti b'mod attiv l-imsieħba soċjali;
- għalkemm l-importanza kruċjali li jkunu żviluppjati l-kapaċitajiet meħtieġa fl-ekonomiji bbażati fuq it-tagħrif hi rikonoxxuta, il-bżonn li jiżded l-investment u li jkun akkwistat progress konkret għandhom ikunu riflessi aħjar fil-miżuri politiki;
- l-Istati Membri għandhom juru l-impenn tagħhom għall-aġenda l-ġdida ta' Liżbona billi jiżguraw li l-infiq hu mmirat biex jappoġġa l-Istrateġija ta' Liżbona, billi jippromwovu l-approprijazzjoni pubblika u billi jinvolvu l-imsieħba soċjali fil-proċess ta' governanza.

Dawn il-konklużjonijiet jikkonfermaw il-politiki u l-aġenda ta' riforma espressi fil-Linji Gwida għall-Impjiegi. Għal raġunijiet ta' proċedura stabbiliti fl-Artikolu 128(2), il-validità tagħhom għall-2006 tinħtieġ li tkun ikkonfermata b'deċiżjoni tal-Kunsill, wara l-konsultazzjoni tal-PE, il-Kumitat tar-Regġuni, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u l-Kumitat għall-Impjiegi.

Il-Kummissjoni tikkunsidra adatt, f'dan l-istadju ta' ċiklu ta' governanza ta' tliet snin, li ma tipproponix Rakkomandazzjonijiet dwar l-Impjiegi skond l-Artikolu 128§4 tat-Trattat, iżda tiġbed l-attenzjoni ta' l-Istati Membri rigward il-prijoritajiet u l-konklużjonijiet ta' l-evalwazzjonijiet iddetalġati li jinstabu fir-Rapport Annwali tal-Progress.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

Dwar linji gwida għall-Politiki ta' l-Impjiegi ta' l-Istati Membri

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 128(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni¹,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew²,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew³,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regġuni⁴,

Billi:

- (1) Ir-riforma ta' l-Istrateġija ta' Liżbona fl-2005 enfasizzat l-iżvilupp u l-impjiegi. Il-Linji Gwida għall-Impjiegi ta' l-Istrateġija Ewropea ta' l-Impjiegi u l-Linji Gwida għall-Politika Ekonomika Wiesgħa kienu adottati bħala pakkett integrat⁵, fejn l-Istrateġija Ewropea għall-Impjiegi għandha r-rwol prinċipali fl-implimentazzjoni ta' l-obbjettivi tas-suq ta' l-impjiegi u x-xogħol ta' l-Istrateġija ta' Liżbona.
- (2) Il-Linji Gwida għall-Impjiegi u l-Linji Gwida għall-Politika Ekonomika Wiesgħa għandhom ikunu analizzati b'mod sħiħ kull tliet snin biss, filwaqt li fis-snin intermedjarji sa l-2008 l-aġġornament tagħhom għandu b'mod strett jibqa' limitat.
- (3) L-eżaminazzjoni tal-Programmi ta' Riforma Nazzjonali ta' l-Istati Membri li tinstab fir-Rapport Annwali tal-Progress miġjub mill-Kummissjoni u fir-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi turi li l-Istati Membri għandhom jipproċedu bir-riformi tal-politiki ta' l-impjiegi fil-kategoriji kollha skond il-prijoritajiet stabbiliti fil-Linji Gwida ta' l-2005-2008.
- (4) Minħabba n-natura integrata tal-pakkett tal-linji gwida, l-Istati Membri għandhom jimplimentaw b'mod sħiħ il-Linji Gwida għall-Politika Ekonomika Wiesgħa.

¹ ĠU C , , p. .

² ĠU C , , p. .

³ ĠU C , , p. .

⁴ ĠU C , , p. .

⁵ ĠU L 205, 6.8.2005 p. 21 ff (Linji Gwida għall-Impjiegi) u p. 28 (Linji Gwida għall-Politika Ekonomika Wiesgħa)

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-linji gwida għall-politiki ta' l-impjegi ta' l-Istati Membri kif stabbilit fl-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/600/KE tat-12 ta' Lulju 2005 dwar il-linji gwida għall-politiki ta' l-impjegi ta' l-Istati Membri għandhom jinżammu għall-2006 u għandhom ikunu kkunsidrati mill-Istati Membri fil-politiki ta' l-impjegi tagħhom.

Artikolu 2

Din id-deċiżjoni hi indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, [...]

*Għall-Kunsill
Il-President*